MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 397/2004/2

**Bartolo Joseph**

**v.**

**Bartolo Maria Dolores**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur, minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fit-12 ta' Dicembru 2007. F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fit-3 ta' Settembru

1972 u registrat fir-Registru Pubbliku fid-19 ta' Settembru 1972 jigi dikjarat null a bazi ta' l-artikolu 19 [1 (a), (b), (c), (d), (f) u (g)] tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Is-sentenza appellata hija din:

"**Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

"Illi fit-3 ta' Settembru 1972 huwa zzewweg lill-konvenuta, liema zwieg gie eventwalment registrat fir-Registru Pubbliku fit-12 ta' Settembru 1972. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggjorenni. Fit-28 ta' April 2004 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Illi "dan l-allegat zwieg huwa annullabbli a bazi ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi a, b, c, d, f u g tal-Kapitolu 255: Att taz-Zwieg tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement huwa talab li z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null in bazi ghall-artikolu precitat;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta li in sostanza tghid li t-talba attrici "ghandha tigi michuda kompletament bi spejjez kontra l-attur, stante li l-kunsens tal-partijiet kien kompletament integru u genwin."

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

"Semghet il-provi bil-gurament;

"Ikkunsidrat;

"**Azzjoni**

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-3 ta' Settembru 1972 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][b][c][d] u [f] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta qeda tichad it-talba attrici "kompletament".

"**Kwadru tal-fatti**

"Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

"Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Settembru 1972, meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 21 sena u wara li kienu ilhom gharajjes formalment 3 snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal fis-27 ta' April 1974 u fl-10 ta' Frar 1981. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa 32 years, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-28 ta' April 2004. Fil-prezent l-attur qed jikkonvivi ma' mara ohra.

"*Versjoni attur*

"L-attur jghid li minn qabel iz-zwieg huwa, ghalkemm kellu mpieg regolari, kien akkanit fuq il-muzika, u di fatti kien jghamel parti minn grupp muzikali li kien jdoqq fin-nightclubs fil-ghaxijiet.  Huwa jghid li hajtu kienet ix-xoghol u l-muzika u ghalhekk hu ma kienx jghati priorita' lir-relazzjoni li dak iz-zmien kellu mal-konvenuta.  Di fatti, hu jghid li l-konvenuta, wara tlett snin ta' gherusija li bdiet f' Ottubru 1969, staqsietu biex jizzewwgu u hu accetta; fi kliemu "darba fost l-ohrajn giet u qaltli meta ser nizzewwgu, ghidtilha 'ghamel int', ghax jiena ma kellix f' mohhi li nizzewweg, imbaghad qaltli nizzewwgu f' Settembru, u jien ghidtilha 'mhux xorta'.[1]"   Fid-deposizzjoni[2] tieghu l-attur jikkonferma li hu zzewweg "ghax ridt jien, ghalaqt ghajnejja u ghidt 'iva' naraw x'gej".

"Fl-istess deposizzjoni huwa jghid li, "lanqas hsibt fil-possibilita' taz-zwieg" u, ghalkemm accetta li jizzewweg, "lanqas qatt ma kont naf x'inhi r-responsabbilita' taz-zwieg."  Jghid: "Ghaliex minn naha tieghi qabel iz-zwieg, ma dhlatx ghaz-zwieg meta kont naf ghalxiex ser nidhol."[3] Jghid ukoll: "Qatt ma ppjanajna jew dahalli f' mohhi li ser nrabbi familja, ser nidhol ghal familja."[4] Huwa pero` jghid li ma jidhirlux li kienu jiehdu prekawzzjonijiet sabiex ma jkollhomx tfal. Jghid ukoll li huwa kien jigri man-nisa,

[1] Fol.9
[2] Fol.131
[3] Fol.129
[4] Fol.153

kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara[5]. L-attur isostni li anke matul il-konvivenza matrimonjali, huwa kien izjed mohhu fix-xoghol tieghu u fil-muzika milli fil-familja tieghu.[6]

“Izda fl-affidavit tieghu jghid: “Nifhem kemm hdimt lejl u nhar biex provdejt minn naha tieghi l-kumditajiet kollha li setghet timmagina l-mara, kemm hi u kemm uliedna, u nsemmi biss bhala ezempju li erba darbiet bdilna d-dar.”[7]

“L-attur jallega li qabel iz-zwieg il-konvenuta kellha hafna sikkatura d-dar u kienet impjenata hafna, kontra qalbha, fin-negozju tal-familja taghha. Hija kienet imdejjqa d-dar, u din kienet ir-raguni l-ghaliex izzewwgitu. Fi kliemu: “Ahna ma zzewwignix bl-iskop li naghmlu familja, imma ghax hi kellha l-iskop personali li tehles mill-ktajjen [sic] jew mis-sikkatura li kellha mid-dar tal-genituri taghha.”[8]

“Huwa jilmenta li l-mara hi bniedma nervuza u kienet tiehu l-kalmanti u hu kien jiehu hafna pacenzja; u jallega li, “anke mill-att sesswali, l-att sesswali kien biered minn naha taghha u kien imbieghed wisq [u] f’sena partikolari niftakar li kien hemm disa’ [9] darbiet biss fejn kien hemm l-att taz-zwieg.”[9] Jghid li l-mara tieghu kienet stramba fis-sens li kienet tkun riluttanti li tattendi ghall-okkazzjonijiet meta jkunu mistiednin.

“*Versjoni konvenuta*

“Il-konvenuta tispjega li huma bdew jinnamraw ma’ xulxin fis-sena 1966 u f’ Ottubru 1969 itgharrsu formalment. Dak iz-zmien hija kienet qeda tahdem fin-negozju tal-familja taghha filwaqt li l-attur kien beda l-karriera tieghu ta’ muzicista. Hija tghid li anke qabel iz-zwieg huma kienu johorgu hafna, u “konna nitkellmu fuq it-tfal, u ddecidejna li jghaddi certu perijodu ta’ zmien minhabba d-dejn li kellna..”[10] Hija tghid li bejn is-snin 1968 u 1969 huma kienu hadu plot sabiex fuqha jibnu d-dar konjugali u hu

---

[5] Fol.136
[6] Fol.154
[7] Fol.7
[8] Fol.9
[9] Fol.6
[10] Fol.209

kien hadmu hafna fiha sabiex ilestiha; u kien jippreferi jaghmel ix-xoghol hu milli jqabbad in-nies peress li kien fit fix-xoghol. L-attrici teskludi li l-konvenut kien ikun infidil lejha qabel iz-zwieg. Hija tghid li "ghax tant kien fidil [l-attur] mhux jigifieri iblah, kont inkun naf ezatt per ezempju jekk ser nfittxu hemm ser nsibu hemm … mir-reactions tieghu, qatt ma tani x' nifhem li kien ikun ma' haddiehor."[11]

"Il-konvenuta tghid li wara z-zwieg l-attur "sar izjed migbur …. U kien dejjem jahdem id-dar meta ma kienx ikun idoqq. La kien jattendi kumpaniji, ma kien jaghmel xejn, dejjem id-dar jahdem."[12] Huwa kien juri premura kbira fil-konfront taghha u anke fil-konfront tat-tfal taghhom, specjalment meta dawn kienu ghadhom zghar hafna. Hija tghid li huma kellhom relazzjoni qrib u intima hafna bejniethom, anke emozzjonalment, tghid li kien jiftah qalbu maghha u jghid "kemm inhobbok, kemm inhobb lit-tfal, kemm inhobb lilek, issa naghmlu hekk, issa naghmlu hekk"[13]

"Il-konvenuta tghid li l-attur ried jizzewweg lilha "huwa wera ruhu ferm herqan li jizzewweg u tiftakru jghid il-kliem 'about time'. Id-decizjoni li nizzewwgu kienet tat-tnejn. Jiena izzewwigt lill-attur ghax kont inhobb lilu, u zgur ma kontx ser naqbad nizzewweg lil kwalumkwe persuna biex semplicement isservi ta' okkazzjoni biex nitlaq mid-dar tal-genituri tieghi, li fuq kollox kelli relazzjoni tajba maghhom …. tant illi wara li zzewwigt bqajt regolarment immur nahdem ghand il-genituri fir-restaurant tal-familja kif ghadni sallum."[14]

"Illi rigward il-*modus vivendi* tal-partijiet matul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenuta tghid li huwa minnu li t-tnejn kemm huma kienu impjenati hafna bix-xoghol rispettiv taghhom, izda dan kien isir bil-kuntentezza tat-tnejn u, sakemm dahhlet it-terza persuna fin-nofs, l-attur qatt ma kien ilmenta mal-konvenuta dwar ix-xoghol taghha. Tghid: "l-affarijiet baqghu hekk minn dejjem, bil-kuntentizza tat-tnejn u minghajr b' ebda mod ma gew

[11] Fol.212
[12] Fol.215
[13] Fol.219
[14] Fol.57

effetwati t-tfal … joe qatt ma ilmenta dwar iz-zwieg taghna jew li hu jew jien konna qed nahdmu hafna, jew li jien ghandi noqghod aktar id-dar mat-tfal..”[15]

“Hija tat ir-ragunijiet ghaliex kellhom ibiddlu l-post tar-residenza taghhom, u rigward it-tehid tal-pilloli tghid li hi persuna nervuza u minhabba l-pizijiet tal-familja u l-istress tat-tfal hija, fuq medikazzjoni preskritta mill-psikjatra, kienet tiehu l-kalmanti. Hija tammetti li ma kienitx thobb tmur kull fejn tkun mistiedna, peress li bejn ix-xoghol ta’ gewwa u ta’ barra mid-dar hija kienet tkun ghajjiena, u ghalhekk kienet tippreferi toqghod id-dar tistrieh.

“Il-konvenuta tghid li zewgha nbidel f’Settembru tas-sena 1999 meta huwa beda jqatta’ hafna hin fil-boathouse li l-partijiet ghandhom l-Armier; u fis-sena sussegwenti qabdet lill-attur f’konversazzjoni amoruza li dana kellu fuq it-telefon. Minn dak iz-zmien il-konvenuta ndunat li zewgha kien qed jiffrekwenta mara ohra, u fis-sena 2001 sabet diversi messaggi fuq ic-cellulari li jikkonfermaw dan il-fatt. Kien f’dan l-istadju tal-konvivenza matrimonjali li l-attur “beda ihares lejn iz-zwieg b’ mod differenti … meta dahlet it-terza persuna … qabel dak iz-zmien la b’ ghemilu u lanqas bi kliemu ma qatt wera jew semma pizijiet taz-zwieg.”[16]

“Ghalhekk mis-sena 1999 ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet bdiet tiddegenera sakemm eventwalment spiccat bl-eventwali separazzjoni.

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li, stante li z-zwieg meritu ta’ din il-kawza kien gie kuntrattat fis-sena 1972, u ghalhekk qabel l-introduzzjoni ta’ l-Att XXXVII tas-sena 1975 fuq citat, huma applikabbli l-Artikoli 35 u 36[2] ta’ l-istess Att. Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza PA[RCP] Charles Atkins vs Matilde Atkins[17] u kkonfermat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza Carmen Elizabeth Lama vs

[15] Fol.59
[16] Fol.58
[17] Deciza 2 ta’ Ottubru 2003

Eugenio Lama[18], l-Artikolu 36[2] jeskludi l-applikazzjoni ta' dan l-Att ghaz-zwiegijiet li kienu validi fiz-zmien li saru. Dan ifisser li f'kazijiet ta' zwiegijiet kuntrattati qabel il-promulgazzjoni ta' dan l-Att fis-sena 1975, il-Qorti ghandha fl-ewwel lok tezamina jekk dak iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar, ghax jekk kien validu allura dak kollu li hemm fl-Att ma jistax jolqot dik il-validita`. Huwa biss jekk dak iz-zwieg ma kienx hekk validu li l-Att jista' jigi invokat u jkunu applikabbli l-Artikoli tal-ligi indikati fl-Artikolu 36[1], inkluz allura l-Artikolu 19[1] fuq citat u li fuqu l-attur qed isserrah l-azzjoni tieghu.

"F'dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li onus probandi ei qui dicit non ei qui negat, u konformament ma' dan il-principju kardinali f'materja ta' prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. *Multo magis* f'kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita` tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006].*

"Fil-kaz in disamina sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu huwa ghandha l-obbligu, mhux biss li jipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-capita nullitatis fuq indikati, jew wiehed minnhom; izda fl-ewwel lok ghandha tipprova li z-zwieg taghha ma kienx validu taht il-ligi vigenti fiz-zmien li kien ikkuntrattat u cioe` taht il-Ligi Kanonika in materja kif espressa fil-Kodici Pio Benedittin tas-sena 1917. U huwa fil-kaz biss li l-attur jirnexxi f'din il-prova, li l-Qorti hija legalment permessa li tghaddi ghall-ezami tal-paragrafi fuq citati tal-Artikolu 19[1].

"F'dan ir-rigward jigi osservat li hija lampanti l-mankanza da parti ta' l-attur ghal kull referenza ghad-dritt kanoniku, kif ukoll ghal kanoni li fuqhom setghet tistrieh it-tesi tal-invalidita` taz-zwieg taht dan ir-regim.

---

[18] Deciza fit-2 ta' Ottubru 2007

“Huwa jillimita ruhha biss billi jindika kwazi l-paragrafi kollha kontenuti fl-artikolu 19[1] tal-Kap. 255 li jittrattaw is-segwenti capita nullitatis: il-*vis et metus* [a]; zball dwar l-identita’ tal-persuna [b]; qerq dwar xi kwalita` tal-konjugi l-iehor [c]; *discretio judicii* [d]; simulazzjoni [f]; u rabta tal-kunsens ma’ xi kondizzjoni li tirriferi ghall-futur [g]. Il-Qorti tosserva li mhux il-kompitu taghha li tezamina l-*capita nullitatis* kollha kontemplati fil-Kodici Pio Benedittin sabiex tara jekk il-kaz ta’ l-attrici [recte: attur] jissubentrax f’xi wiehed minnhom, meta l-istess attrici [recte: attur] naqset li tispecifikahom kif kellha d-dmir li taghmel, *multo magis* meta kull kuntratt, b’mod partikolari il-kuntratt taz-zwieg, ghandu favur tieghu l-prezunzjoni tal-validita`.
.
“Ghalhekk fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tillimita l-ezami taghha ghal kanoni li jirreltaw ma’ l-imsemmija fatturi u cioe` il-kanoni 1082, 1983, 1084, 1086, 1087 u 1092, li jittrattaw id-*discretio judicii*, l-izball dwar il-persuna, is-simulazzjoni, il-*vis et metus*, u r-rabta ma’ kondizzjoni futura.

“Inoltre, il-Qorti ser tezamina l-fattur tad-difett tad-discretio judicii, li ghalkemm ma jinsabx kodifikat fl-imsemmi kodici, kien diga` gie introdott bhala principju gurisprudenzjali f’decizjoni tar-Rota tad-9 ta’ Dicembru 1961 De Jore, kif indikat fis-sentenza fuq citata. F’din id-decizjoni kien gie osservat li “it is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract, through which a state of life is accepted which has grave obligations”.

“Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-meritu tal-kaz. Qabel xejn tirrileva li taccetta bhala veritiera l-versjoni mghotija mill-konvenuta dwar ir-relazzjoni tal-partijiet kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara, matul il-konvivenza matrimonjali. Din il-versjoni, apparti milli ssib korroborazzjoni fix-xiehda tat-tfal tal-partijiet, hija sostnuta b’doza qawwija ta’ verosmiljanza, tenut kont tal-fatt li l-partijiet kellhom

konvivenza matrimonjali ta' 32 years li matulha twieldu zewgt-it tfal, spazjati b'interval ta' seba' snin. Barra minnhekk il-konvenuta fid-deposizzjoni taghha kienet konvincenti, u l-Qorti tatiha affidament.

"Minn naha l-ohra il-Qorti tosserva li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur, mhijiex konfacenti mal-provi, u hija wkoll inverosimili, ghall-istess ragunijiet li jsostnu l-verosimiljanza tal-versjoni tal-konvenuta. L-attur ipingi lilu nnifsu, matul l-gherusija u anke wara z-zwieg, bhala bniedem irresponsabbli, mohhu biss fix-xoghol, ma jghatix kaz tal-konvenuta, ma kienx jaf x' inhi r-responsabbilita' taz-zwieg, u wkoll li kien jiffrekwenta nisa ohra; mentri fil-fatt dak li rrizulta provat, fil-fehma tal-Qorti, kien proprju l-kuntrarju.

"Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom zmien jippjanaw u jippreparaw ghaz-zwieg, bl-attur jiehu parti attiva hafna f'dak li kien hemm bzonn li jsir sabiex il-partijiet ikollhom dar konjugali li fiha jkunu jistghu jikkonvivu fiz-zwieg u jibnu familja; u kienu ukoll ddiskutew il-possibilita` li jkollhom tfal fiz-zwieg. Illi mbaghad il-komportament ta' l-attur wara z-zwieg kien proprju l-kuntrarju ta' l-impressjoni li qed jipprova jghati lil din il-Qorti. Mill-provi jirrizulta li fiz-zwieg l-attur kien bniedem responsabbli, kien ihobb lil martu u lil uliedu u li kien jahdem hafna ghall-familja biex ma jonqoshom xejn, u kien hemm qbil u kooperazzjoni reciproka dwar it-trobbija tat-tfal tenut kont tas-sieghat twal li x-xoghol rispettiv taghhom kien jirrikjedi. It-tifla tal-partijiet tikkonferma li l-attur "Kien jiehu hsiebna, u mhux semplicement joqghod maghna meta l-mama kienet tkun xoghol."[19] Dwar ir-relazzjoni tal-partijiet l-istess xhud tikkonferma li "it-tnejn kienu imexxu u hadd ma kellu power fuq hadd"[20]. Fi kliem iehor, il-provi juru, li l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet kienet wahda pacifika diretta lejn il-ben essere reciproku, prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied; u kien biss fis-sena 1999 li beda l-inkwiet bejn il-paritijiet, meta l-konvenuta ndunat li l-attur kien qed ikun infidil lejha.

[19] Fol.70
[20] Fol.69

"Illi stabbilit il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami tal-validita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet fiz-zmien li fih gie kkuntrattat, fid-dawl tal-capita nullitatis fuq indikati.

"Fl-ewwel lok jigi osservat li n-nuqqas ta' discretio judicii ma jistax jikkoezisti mas-simulazzjoni, u wahda teskludi lil ohra; ghax jew parti ma tgharafx id-dmirijiet tal-hajja konjugali, jew teskludihom, izda ma tistax teskludi dak li tkun inkapaci li tgharaf.

"Illi fit-tieni lok huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet:

"[1] Illi mill-provi ma jirrizultax li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien ivvizzjat bil-vjolenza, morali jew fisika, jew b'biza. Fil-kaz odjern dawn il-fatturi, mhux talli ma jirrizultax b'mod lampanti, izda talli jinsabu kontradetti mill-fatti provati. Il-Qorti tosserva b'konvinciment qawwi, li hadd mill-partijiet ma kien gie mgieghel li jkkuntratta dan iz-zwieg. Kemm il-konvenuta kif ukoll l-attur izzewwgu lil xulxin, u fid-data fissata, ghax riedu u bil-volonta` libera taghhom.

"[2] Illi ma kien hemm ebda zball dwar l-identita` tal-persuna; kif ukoll ma kien hemm ebda qerq da parti ta' hadd. Meta zzewwgu l-partijiet kienu jafu lil xulxin sew, kienu jafdaw f'xulxin u kien jafu x'qeghdin jaghmlu, u la jirrizulta li kien hemm zbalji u lanqas qerq dwar il-persuna.

"[3] Illi rigward in-nuqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjali, jigi osservat li ma rrizultax li xi hadd mill-partijiet kien taht l-inkapacita` psikika li jgharaf u japprezza d-dmirijiet u d-drittijeit tal-hajja konjugali. Ghal kuntrarju, mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu ppjanaw u ppreparaw ghaz-zwieg taghhom u kienu konxji ta' l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali, u certament kellhom dixxerniment adegwat tar-responsabbilitajiet taghhom f'dan ir-rigward. It-tul tal-konvivenza matrimonjali bejn il-partijeit, u n-natura pacifiku b'element qawwi ta' kooperazzjoni reciproka, partikolarment fejn kien jikkoncerna lil uliedhom,

tikkostitwixxi evidenza viventi tal-fatt li partijiet mhux biss kienu konxji tad-dmirijiet u drittijiet fiz-zwieg, izda kienu kapaci li jezegwixxu dawn l-obbligu ghal tul taz-zmien, sakemm wara konvivenza twila dahhlet terza persuna bejniethom li kissret ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet.

"[4] Il-fatti premessi jeskludu b'mod lampanti s-simulazzjoni; u l-infedelta` li giet provata da parti ta' l-attur sehhet circa 27 sena wara l-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

"[5] Illi ma jirrizulta provat ebda element ta' prova li l-kunsens matrimonjali kien marbut ma' xi kundizzjoni li tirriferi ghall-futur.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz ma tirrizulta ebda capita nullitatis li setghet tirrendi z-zwieg ta' bejn il-partijiet null fil-ligi vigenti f'dak iz-zmien; u lanqas del resto fit-termini ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Iz-zwieg kien perfettament validu meta gie kuntrattat u kien zwieg li rnexxa ghal tul ta' zmien sakemm il-konvenut dahal f' relazzjoni extra matrimonjali. Il-Qorti tosserva wkoll li dan il-kaz, kif propost mill-attur, jikkostitwixxi xejn anqas minn tentattiv fjakk u meskin, ghall-ahhar, da parti tieghu sabiex jittenta jikkonvinci lil din il-Qorti li z-zwieg tieghu kien null fil-ligi, u fil-process li ghamel dan, minghajr ebda skruplu u minghajr ebda sensittivita` lejn il-parti l-ohra u uliedu, allega fatti li rrizultaw ampjament inveritieri.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-istess attur."

**<u>II. L-APPELL</u>**

3. L-attur appellant hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk appella minnha b'rikors ipprezentat fil-31 ta' Dicembru 2007. L-aggravji ta' l-appellant jikkonsistu fl-ewwel lok illi l-ewwel Qorti applikat il-ligi l-hazina, stante illi meta ezaminat in-nullita` o meno taz-zwieg, l-ewwel Qorti

kkonsidrat il-Ligi Kanonika hekk kif espressa fil-Kodici Pio-Benedittin tal-1917 u mhux id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparti minn hekk l-attur appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti kienet pregudikata kontra tieghu meta ddecidiet din il-kawza billi hija njorat l-aspett civili u tat id-decizjoni taghha fl-isfond ta' kuncetti rigidi mibnija fuq twemmin nisrani u taghlim tal-Knisja Kattolika u mhux b'mod civili. L-attur jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha. Ghalhekk, wara li l-attur appellant spjega fid-dettal dawn l-aggravji, huwa talab li din l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tghaddi sabiex tilqa' l-appell u tilqa' t-talbiet attrici, u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.

4. Fid-29 ta' Jannar 2008, il-konvenuta appellata rrispondiet ghal dan l-appell u ghar-ragunijiet imfissra f'din ir-risposta, sostniet illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. L-attur appellant fl-ewwel lok jilmenta illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta applikat d-Dritt Kanoniku fl-ezami taghha dwar il-kwistjoni tan-nullita` o meno taz-zwieg tal-kontendenti. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma' applikatx l-Artikolu 19(1) ta' l-att Dwar iz-Zwieg tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-kontendenti zzewwgu bir-rit Kattoliku fit-3 ta' Settembru 1972 u eventwalment iz-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku fid-19 ta' Settembru 1972. Illi ghalhekk meta gie celebrat dan iz-zwieg l-Att Dwar iz-Zwieg, li abbazi tieghu qed jintalab illi z-zwieg jigi ddikjarat null u bla effett fil-ligi, ma' kienx ghadu gie promulgat. L-Att numru XXXVII sar ligi fit-12 ta' Awissu 1975, u qabel ma' giet promulgata l-Ligi Dwar iz-Zwieg ma' kienx hemm regoli tad-dritt civili li jirregolaw id-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwigijiet u ghalhekk kienet tapplika l-Ligi Kanonika. F'dan l-istadju

ssir referenza ghall-Artikolu 36(2) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi :
"Ebda haga f'dana l-Att ma' ghandha tolqot il-validita` ta' zwieg li kien validu meta sar."

7. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988 fil-kawza fl-ismijiet **"Louis Agius v. Giorgia Agius xebba Gauci"** giet ezaminata l-applikabilita` tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975 ghal zwigijiet qabel l-1975, bhal fil-kaz in ezami, u b'referenza partikolari ghall-Artikolu 36(2) hawn fuq imsemmi rriteniet illi:
"L-estensjoni tar-retroattivita' ta' l-artikoli imsemmija ghaz-zwigijiet li saru qabel l-15 ta' Lulju 1975 giet mill-legislatur limitata biss ghal dawk il-kazijiet fejn iz-zwieg ma kienx validu skond il-ligi vigenti meta gie kkontrattat. Jigifieri jekk zwieg kien validu skond il-ligi vigenti meta sar dak kollu provdut fl-Att XXXVII ta' l-1975 ma jistax jolqot il-validita` tieghu, mentri jekk ma kienx hekk validu allura l-artikoli msemmija jistghu wkoll jigu invokati."

Illi f'dan ir-rigward fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Atkins v. Matilde Atkins**" moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 gie ritenut illi:
" l-Qrati ghandhom fl-ewwel lok jezaminaw jekk dan iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar, ghax jekk kien validu allura dak kollu li hemm fl-Att imsemmi ta' l-1975 ma jistax jolqot dik il-validita`. Huwa biss jekk dak iz-zwieg ma kienx validu, li l-Att jista' jigi nvokat pero` mhux altrimenti. Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi l-kontendenti, izzewgu permezz tar-rit kattoliku u ghalhekk il-ligi li kienet tirregola z-zwieg taghhom kienet id-Dritt Kanoniku. Ghalhekk hawnhekk wiehed bilfors irid japplika dak dispost fil-Kodici ta' Dritt Kanoniku promulgat mill-organi kompetenti tal-Knisja Kattolika ghaz-zwigijiet biex jigi investigat qabel xejn jekk iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti kienx zwieg validu. "

8. Illi fl-isfond tal-gurisprudenza kkwotata, dina l-Qorti taqbel ma' dak li irriteniet l-ewwel Qorti ( a fol. 255):

"Fil-kaz in disamina sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni teighu huwa ghandu l-obbligu mhux biss illi jipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-capita nullitatis fuq indikati, jew wiehed minnhom; izda fl-ewwel lok ghandha tipprova [recte: ghandu jipprova] li z-zwieg taghha [recte: tieghu] ma' kienx validu taht il-ligi vigenti fiz-zmien li kien kkuntrattat u cioe` taht il-Ligi Kanonika in materja kif espressa fil-Kodici Pio-Benedittin tas-sena 1917. U huwa fil-kaz biss li l-attur jirnexxi f'din il-prova, li l-Qorti hija legalment permessa li tghaddi ghall-ezami tal-paragrafi fuq citati ta' l-artikolu 19[1]."

9. Michud l-ewwel aggravju, il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-aggravju li jmiss. L-appellant jilmenta in oltre illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha. Jinghad illi l-partijiet xehdu "viva voce" quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` illi tevalwa sew ix-xiehda tal-kontendenti. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-partijiet hija wahda konfliggenti fis-sens illi filwaqt illi l-appellant qieghed jpingi lilu nnifsu bhala bniedem b'nuqqas ta' responsabilita` ghaz-zwieg u bhala bniedem li kien mohhu fil-muzika u fil-grupp li fih kien jdoqq u fin-nisa u jiddentifika ruhu bhala "playboy", l-appellata taghti stampa ohra, u cioe` li zewgha kien ragel tal-familja. Filwaqt illi hija taqbel illi l-appellant kien ihobb idoqq mal-grupp muzikali tieghu, huwa kien jaghti priorita` lill-familja. L-appellata xehdet illi huma ma kellhomx problemi fl-gherusija u fiz-zwieg, izda l-inkwiet beda meta l-appellat zewgha beda jinzel ta' spiss u jqatta' hafna hin fil-boathouse ta' l-Armier, u dan kien fis-sena 1998. Hija tghid ukoll illi l-inkwiet matrimonjali beda jaggrava fis-sena 2001 meta hija indunat illi zewgha kien qieghed f'relazzjoni "extra konjugali" u sussegwentement fis-sena 2004 isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. L-appellata ssostni illi huma kienu ippjanaw li jkollhom it-tfal u l-appellant kien juri interess kbir fit-tfal u anke fid-dar matrimonjali.

10. Ulied il-kontendenti jikkorraboraw ix-xhieda ta' l-appellata. Iben il-kontendenti **Malcolm Bartolo** (a fol.

66), xehed, fl-affidavit tieghu, dwar missieru, l-appellant illi:
"    jiena qatt ma' niftakru jghid jew jidher imdejjaq minhabba z-zwieg….Ghalija il-genituri kienu jmexxu flimkien u hadd minnhom ma' kien il-kmand ta' l-iehor….missieri kien qalli li z-zwieg huwa xi haga sabiha u li ma' ddispjacihx li kien izzewweg. Dan id-diskors qaluli xi tliet snin ilu. Jien qatt ma' rajt ebda vjolenza id-dar bejn il-genituri. Naf biss li kien hemm ghajjat u storbju meta inqala' l-inkwiet bejniethom dwar mara ohra, cioe` ftit snin ilu."

Bint il-kontendenti, **Chantelle Bartolo** xehdet fl-affidavit taghha li jinsab a fol. 69 tal-process illi :
"  Kien ikun hemm ghajjat u storbju, pero` dana fiz-zmien li inqala' inkwiet bejniethom dwar mara ohra… Konna familja normali. Missieri lili personalment qatt ma' naqasni f'xejn…It-tnejn kienu jmexxu u hadd ma' kellu power fuq hadd. Il-mama` ma' kinitx tqabbdu biex joqghod jaghmillha l-affarijiet; cioe` hu kien jaghmel minn jheddu… Qatt ma' kien qalilna jekk kienx imdejjaq fiz-zwieg. U qatt ma' kont narah mdejjaq. Mid-diskors u mill-imgieba tal-genituri, qatt ma' hadt l-impressjoni li dawn izzewwgu kontra qalbhom."

11. Oht l-appellata, **Adelina Randich**, xehdet ( a fol. 74) illi l-appellant dejjem trattaha tajjeb lill-appellata. Ix-xhud stqarret li hija dejjem kienet tqisu bhala ragel tal-familja sakemm fis-sena 2001 l-appellata kienet qaltilha li kienet qeghda tissuspetta illi l-appellant kellu relazzjoni "extra konjugali". Hija tghid:
"Bhal kull zewg gharajjes ohra meta kien jiltaqa' ma' ohti kien jidher ferhan u dan l-ahhar fit-2001 li sirt naf illi kien hemm xi naqra inkwiet, altrimenti qabel lanqas l-icken ideja jew hjiel ta' inkwiet."

12. Hu l-appellata, **Edgar Sammut**, ukoll ikkorrabora dak li xehdet l-appellata illi :
"Ahna lil Joseph Bartolo konna narawh bniedem tal-familja u tar-rispett…L-attitudni tieghu lejn iz-zwieg t'ohti kienet normali bejn zewg gharajjes ta' l-affari taghhom li jirrispettaw lil xulxin….Jiena kont narhom jahdmu u

jistinkaw u ghalhekk gietni bhala shock meta smajt illi kien hemm l-inkwiet bejniethom.”  (ara fol. 86).

13. Minn naha l-ohra l-appellant xehed (a fol. 124) illi fit-tnejn u tletin sena zwieg huwa kien dejjem ha pacenjza bl-appellata u dan minhabba l-attitudni ta’ l-appellata fil-konfront tieghu.  L-appellant xehed illi l-appellata zzewgitu ghaliex kienet imdejjqa d-dar peress illi missierha kien dixxipplinat hafna.  Meta kien mistoqsi mill-ewwel Qorti ghaliex hu kien jahseb li z-zwieg tieghu huwa null, l-appellant irrisponda b’dan il-mod ( a fol. 129 u fol. 131):
“ Ghaliex minn naha tieghi qabel iz-zwieg, ma’ dhaltx ghaz-zwieg meta kont naf ghalxiex se nidhol, jiena ghalija se nahdem gurnata mal-gvern, se mmur indoqq fil-ghaxija u l-hajja ghaddejja.  Hi talbitni tridx nizzewwgu u ghidtilha mhux xorta ghalija nizzewwgu…. Heqq dak il-hin x’hin tigi fuq l-artal mhux se tghid, ma’ stajtx nghid li zgur, ma’ nahsibx li stajt nghid le zgur, lanqas hsibt.”

14. L-appellant xehed illi l-problemi matrimonjali bdew xi hames snin wara z-zwieg u dan ghaliex, skond ma huwa fisser, kien hemm dubbji ta’ infedelta` kemm minn naha tieghu u kif ukoll minn naha ta’ l-appellata.

15. Dina l-Qorti tosserva illi meta a fol. 127 l-ewwel Qorti staqsiet lill-appellant “Jigifieri kif qed tghidlek il-Qorti zmien ghamiltu tghixu sew?” l-appellant irrisponda fl-affermattiv u imbaghad meta l-ewwel Qorti kompliet issaqsieh “Imbaghad hzienu l-affarijiet u fl-ahhar bridtu qed nifhem” l-appellant irrisponda fl-affermattiv ukoll. Meta gie mistoqsi mill-ewwel Qorti jekk kienx hemm xi hadd li gieghlu jizzewweg, huwa irrisponda: “Ghax ridt jien, ghalaqt ghajnejja u ghidt u iva issa naraw x’gej, mhux xorta, se nibqa’ ghaddej.”  (ara fol. 131).

16. Ix-xhieda prodotti mill-appellant, cioe` Carmen Sammut u Ruth Borg, li xehedu permezz ta’ procedura ta’ l-affidavit, xehdu dwar l-atteggjament ta’ l-appellata fiz-zwieg.  Pero` dawn bl-ebda mod ma’ kkorraboraw dak li xehed l-appellant li huwa ma’ riedx jizzewweg lill-appellata jew li ma’ kienx kapaci jassumi l-obbligi taz-zwieg jew li

kien issimula l-kunsens tieghu ghaz-zwieg. **Ruth Borg** a fol. 33 f'paragrafu 12 tghid illi:
"Iz-ziju tieghi qatt ma' tkellem mieghi fuq il-problemi tieghu u jiena nibza' nistaqsih ghax nibza' li forsi jista' jwegga. Ghalhekk jiena dejjem evitajt li forsi nkellmu fuq dan is-suggett u fuq dawn l-affarijiet ta' problemi li seta' kien hemm bejnu u bejn il-mara tieghu ahna qatt ma' kellimna."

**Carmen Sammut** a fol. 30 f'paragrafu 18 ukoll xehdet illi l-appellat huha:
"ma tantx kien jitkellem fuq il-problemi li kellhom bejniethom, huwa kien izomm kollox ghalih. Biss hi kienet tidher li ma' jimpurtahiex minnu dan mill-mod kif kienet iggib ruhha mieghu u anke mill-fatt li kif gja ghidt aktar il-fuq hija qatt ma' kienet tidher mieghu f'ebda okkazzjoni u hu dejjem imur wahdu."

L-istess xhud tghid f'paragrafu 20 ta' l-affidavit taghha illi filwaqt illi l-appellata ma' kienetx turi rispett lejn l-appellant:
"mill-banda l-ohra hija kien juri dak ir-rispett lejn martu imma li kien kollu ghalxejn."

17. Il-Qorti tinnota illi ghalkemm l-appellant ibbaza l-kawza tieghu fuq l-Artikolu 19(1) a,b,c,d,f u g tal-Kapitolu 255, mix-xiehda ta' l-appellant johrog b'mod car illi huwa qieghed sostanzjalment jankra l-pretensjoni tieghu mal-paragrafu d u f ta' l-Artikolu 19(1) u cioe` dwar nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u dwar is-simulazzjoni.

18. Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Atkins v. Matilde Atkins**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 li ezaminat il-vizzju tal-kunsens anke fid-dawl tad-dritt kanoniku, gie ritenut illi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fis-segwenti:
"dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma' jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma' jistax ikun

wiehed validu." ( ara wkoll "**Janet Portelli v. Victor Portelli**" deciza fl-14 ta' Awissu 1995; "**Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Novembru 1994)

19. Mill-kumpless tal-provi, ma rrizulta minn imkien illi l-kontendenti ma' kellhomx dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjesta biex jidhlu ghall-hajja matrimonjali. Anzi, ghall-kuntrarju, mix-xhieda prodotti kemm mill-appellata u kif ukoll mill-istess appellant, johrog b'mod car illi l-appellant kien jagixxi ta' ragel tal-familja u kien japprezza u effettivament assuma sew l-obbligi tieghu taz-zwieg. L-appellant kien jahdem sabiex jipprovdi ghall-familja, kien jhobb jaghmel xoghol manwali fid-dar u mix-xiehda tat-tfal tal-kontendenti rrizulta wkoll illi kien jiehu hsieb it-tfal u kien jindukrahom sewwa. Irrizulta wkoll, mix-xiehda tieghu stess, illi huwa kien jiehu pacenzja b'martu l-appellata meta matul iz-zwieg hija ghaddiet minn perijodu hazin ta' dipressjoni u problemi fizici. Ma' rrizultax lanqas illi l-kontendenti ma' kellhomx dik il-maturita` rikjesta mill-ligi biex huma jifhmu dak kollu illi jfisser iz-zwieg u d-dmirijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga. Lanqas ma' rrizulta illi xi wahda mill-partijiet kienet affetta minn xi anomalija psikologika jew xi difett fil-personalita` li setghet twassal ghal nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju.

20. Illi dwar is-simulazzjoni dina l-Qorti tirritjeni illi l-appellant ma' rnexxilux jipprova illi huwa b'xi mod issimula l-kunsens tieghu. L-appellant xehed illi l-inkwiet matrimonjali beda xi hames snin wara z-zwieg u jsemmi li l-inkwiet beda minhabba suspetti reciproci ta' infedelta`. Pero` huwa ma jsemmix episodji partikolari, hlief ghal ammissjoni ta' adulterju waqt iz-zwieg, ftit snin qabel mal-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt. A fol. 131 l-appellant xehed illi huwa zzewweg ghax ried hu "ghalaqt ghajnejja u ghidt u iva issa naraw x'gej, mhux xorta, se nibqa' ghaddej".

21. Illi dina l-Qorti ghalhekk taqbel ma' l-apprezzament tal-provi ta' l-ewwel Qorti u taqbel sostanzjalment mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li wasslet ghalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

22. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------